# IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

## IL-KOMPETIZZJONIJIET NAZZJONALI TAL-PRESEPJI - MILIED 2015

### IR-REGOLAMENTI ĠENERALI GĦALL-KOMPETIZZJONIJIET TAL-PRESEPJI

1. Il-Kunsill Malti għall-Arti qed iniedi dawn il-Kompetizzjonijiet tal-Presepji għall-Milied 2015:

    1. Il-Kompetizzjoni **Numru 1** - il-Presepju Mekkaniku Kbir
    2. Il-Kompetizzjoni **Numru 2** - il-Presepju Kbir Statiku
    3. Il-Kompetizzjoni **Numru 3** - il-Presepju Mezzan (ta' qies medju)
    4. Il-Kompetizzjoni **Numru 4** - il-Presepju Żgħir
    5. Il-Kompetizzjoni **Numru 5** - il-Presepju Oriġinali

1. F'dawn il-Kompetizzjonijiet ma għandu qatt jintuża s-sagħtar u / jew il-pjanti u / jew xi xorta ta' materjal ieħor ipprojbit mill-liġi. Kull min ma jimxix ma' dan ir-regolament ikun skwalifikat mill-ewwel mill-Kompetizzjoni relattiva.

2. Kull min jieħu sehem f'xi waħda minn dawn il-Kompetizzjoniet għandu jindika fuq il-Formola tal-Applikazzjoni l-post fejn ikun qed jintrama l-Presepju.

3. Kull Presepju jrid ikun miftuħ għall-pubbliku **mill-Ħadd 20 ta' Diċembru 2015 sal-Ħadd, it-3 ta' Jannar 2016.** Il-ħinijiet tal-wiri għandhom ikunu mill-5.00 sat-8.00 ta' filgħaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Fis-Sibtijiet, fil-Ħdud u fil-Festi il-ħinijiet ikunu bejn l-10.00 ta' filgħodu u nofs in-nhar. Kull applikant jista' jżomm il-post tal-wiri miftuħ f'ħinijiet itwal u / jew ġranet aktar milli mitlub.

4. F'kull belt jew raħal li fiha jkun hemm xi presepju li qed jkun daħal f'xi waħda minn dawn il-kompetizzjonijiet, għandu jitwaħħal strixxa drapp (*banner*), kartellun jew mezz ieħor bil-kelmtejn **PRESEPJU / CRIB** biex juri fejn ikun armat għal wiri. Jitnaqqsu xi punti kull fejn dawn is-sinjali ma jkunux prominenti kif suppost. Kull permess neċessarju mill-awtoritajiet kompetenti għat-twaħħil / tqegħid ta' dawn is-sinjali huwa responsabbilta' tal-applikant.

5. Id-dħul għall-wiri tal-presepju għandu jkun bla ħlas, iżda hu permess li jitpoġġa xi reċipjent viċin il-Presepju għad-donazzjonijiet.

6. Il-presepji rreġistrati għal din il-kompetizzjonijiet li jkunu b'xi mod jew ieħor qed jieħdu sehem ukoll f'xi esebizzjoni jew parti minn kollezzjoni ta' presepji f'xi lokal għandhom jitpoġġew f'post prominenti fejn ikunu esebiti. Dawn għandhom ikunu mmarkati b'tabella bil-kliem: **KOMPETIZZJONI NAZZJONALI TAL-PRESEPJI** u bl-indikazzjoni ċara ta' **isem il-parteċipant** u l-**kategorija** tal-kompetizzjoni li fiha jkun qed jiehu sehem l-applikant.

7. Il-Ġurija għandha d-dritt li ma tagħtix il-premjijiet jekk skont il-ġudizzju tagħha ma jkunx intlaħaq il-livell meħtieġ. F'kull każ id-deċizjonijiet tagħha jkunu finali u inappellabbli.

8. Il-membri kollha tal-Ġurija għandhom id-dritt li jżuru l-presepji kemm-il darba jixtiequ fil-ġranet u l-ħinijiet imsemmija għall-wiri. Jistgħu ukoll jieħdu ritratti u / jew filmati tal-presepju jew partijiet minnu, kemm huma stess jew bis-saħħa ta' fotografu mqabbad apposta.

9. Kull applikant għandu jissottometti l-qisien eżatti tal-presepju li jdaħħal għall-kompetizzjoni kif stipulat fl-istess formola tal-applikazzjoni.

10. Mal-applikazzjoni, l-applikant ikun qed jagħti kunsens li l-isem tiegħu, l-indirizz tal-post fejn qed issir il-wirja u t-*telefon number* jistgħu jiġu ppubblikati għall-interess tal-pubbliku in ġenerali.

11. Jekk applikant jirreġistra l-presepju f'kompetizzjoni iżda l-Ġurija ssib li joqgħod ma' kompetizzjoni differenti tista' tikkonsidra l-iskwalifika tiegħu.

12. L-applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, kompluti b'mod ċar bid-dettalji kollha mitluba, għandhom jitwasslu bl-idejn flimkien mal-ħlas ta' €5.00 sa mhux aktar tard mill-**11.00AM tat-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015** fl-Uffiċċju tal-Kunsill Malti għall-Arti, 16 "Casa Scaglia", Triq MA Vassalli, il-belt Valletta. L-ebda applikazzjoni ma tkun aċċettata jekk tasal wara dan il-ħin tal-ġurnata msemmija.

13. Jekk tħoss il-bżonn, il-ġurija tista' tagħti rikonoxximent lill-presepista / artiġġjan li għal numru ta' snin ikun ta' kontribut, bl-impenn u ħidma kontinwa tiegħu favur il-presepju. Dan il-ġieħ huwa ntenzjonat għall-presepista' / artiġġjan innifsu u l-konsistenza sħiħa tiegħu b'risq din l-arti artiġġjanali tul is-snin. Tifkira sabiħa tingħata bħala premju / rikonoxximent għal dan il-għan.

## IR-REGOLAMENTI PARTIKULARI GĦAL KULL KOMPETIZZJONI

### IL-KOMPETIZZJONI NUMRU 1 – IL-PRESEPJU MEKKANIKU KBIR

1. Il-Ġurija fil-verdett tagħha żżomm f'moħħha dawn il-punti:
   a. Il-qies tal-presepju għandu jkun mhux anqas minn 3 metri kwadri (*area* 3m²);
   b. In-numru tal-pasturi jiċċaqilqu b'movimenti naturali għandu jkun mhux anqas minn 12 il-wieħed. Il-pasturi, in-ngħaġ u l-annimali l-oħra mwaħħla fuq ċinga miexja jitqiesu bħala pastur wieħed. L-anġli u l-għasafar jitqiesu wkoll bħala oġġett wieħed;
   ċ L-ilma ġieri, l-imtieħen, is-swieni u l-varjazzjonijiet fuq id-dwal ma jitqisux bħala movimenti, iżda bħala parti mix-xenarju ġenerali tal-presepju;
   d Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mill-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-Ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:
   a. l-oriġinalità;
   b. il-pożizzjoni tal-grotta u l-ambjent ta' madwarha;
   ċ. l-artistrija fil-bini u l-irfinar tax-xogħol;
   d. it-tqassim, il-proporzjon u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi – tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-pasturi maħdumin lokalment;
   e. l-atmosfera maħluqa permezz tad-dwal, tal-mużika u / jew tar-rakkonti li jinstemgħu waqt il-wirja;
   f. id-dehra ġenerali.

3. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma: l-ewwel premju**: €250**, it-tieni premju**: €200**, it-tielet premju: **€150**

## IL-KOMPETIZZJONI NUMRU 2 – IL-PRESEPJU KBIR U STATIKU

1. Il-Ġurija fil-verdett tagħha żżomm f'moħħha dawn il-punti:
    a. Il-qies tal-Presepju għandu jkun mhux anqas minn 3 metri kwadri (*area* $3m^2$);
    b. il-presepji f'din il-kompetizzjoni m'għandux ikollhom movimenti għajr forsi il-mitħna ddur u / jew l-ilma ġieri;
    c. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mill-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-Ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:
    a l-oriġinalità
    b. il-pożizzjoni tal-grotta u l-ambjent ta' madwarha;
    ċ. l-artistrija fil-bini u l-irfinar tax-xogħol;
    d it-tqassim, il-proporzjon u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi – tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-pasturi maħdumin lokalment;
    e l-atmosfera maħluqa permezz tad-dwal, tal-mużika u / jew tar-rakkonti li jinstemgħu waqt il-wirja;
    f id-dehra ġenerali.

3. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma: l-ewwel premju: **€230**; it-tieni premju: **€180**; it-tielet premju: **€140.**

## IL-KOMPETIZZJONI NUMRU 3 – IL-PRESEPJU TA' QIES MEDJU (MEZZAN)

1. Il-Ġurija fil-verdett tagħha żżomm f'moħħha dawn il-punti:
    a. Il-qies tal-presepju għandu jkun bejn 90ċm u 150ċm **faċċata** u bejn 60ċm u 100ċm **fond**.
    b. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mill-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-Ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:
    a. l-oriġinalità;
    b. il-pożizzjoni tal-grotta u l-ambjent ta' madwarha;
    ċ. l-artistrija fil-bini u l-irfinar tax-xogħol;
    d it-tqassim, il-proporzjon u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi – tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-pasturi maħdumin lokalment;
    e l-atmosfera maħluqa permezz tad-dwal, tal-mużika u / jew tar-rakkonti li jinstemgħu waqt il-wirja;
    f id-dehra ġenerali.

3. Il-presepji f'din il-kompetizzjoni jistgħu jitpoġġew wara xi apertura tal-ħġieġ b'mod li jkunu jidhru faċilment mit-triq.

4 Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma: l-ewwel premju: **€180**; it-tieni premju: **€120**; it-tielet premju**: €90**.

## IL-KOMPETIZZJONI NUMRU 4 – IL-PRESEPJU ŻGĦIR

1. Il-Ġurija fil-verdett tagħha żżomm f'moħħha dawn il-punti:
   a. Il-qies tal-presepju għandu jkun mhux iżjed minn 90ċm faċċata u mhux iżjed minn 60ċm fond.
   b. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mill-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

2. Kull membru tal-Ġurija individwalment jagħti l-punti fuq dawn il-kriterji:
   a. l-oriġinalità;
   b. il-pożizzjoni tal-grotta u l-ambjent ta' madwarha;
   ċ. l-artistrija fil-bini u l-irfinar tax-xogħol;
   d it-tqassim, il-proporzjon u l-konsistenza fl-istil tal-pasturi – tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-pasturi maħdumin lokalment;
   e l-atmosfera maħluqa permezz tad-dwal, tal-mużika u / jew tar-rakkonti li jinstemgħu waqt il-wirja;
   f id-dehra ġenerali.

3. Il-presepji f'din il-kompetizzjoni jistgħu jitpoġġew wara xi apertura tal-ħġieġ b'mod li jkunu jidhru faċilment mit-triq.

5 Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma: l-ewwel premju: **€150**; it-tieni premju: **€100**; it-tielet premju**: €70**.

## IL-KOMPETIZZJONI NUMRU 5 – IL-PRESEPJU ORIĠINALI

1. Il-presepji f'din il-kompetizzjoni jrid ikun:

a.) Juri xena marbuta ma' żmien il-Milied imma mhux in-nativita'. Il-ġrajja tal-Milied hija meqjusa mit-tħabbira tal-Anġlu sal-Magħmudija ta' Kristu. Eżempju tas-suġġett prinċipali tal-presepju jista jkun: il-viżitazzjoni, l-adorazzjoni tal-maġi, it-tħabbira lir-rgħajja, il-qtil tal-martri innoċenti, il-familja mqaddsa, il-predikazzjoni mad-dutturi, il-preżentazzjoni fit-tempju eċċ.

**U / JEW**

b.) b'estetika u / jew preżentazzjoni innovattiva u krejattiva (bħal per eż: użu ta' materjal riċiklat, projections – 3D mapping, granutel, antaċċjoli eċċ)

2. Jista' jintuża kull tip ta' materjal għall-presepji f'din il-kompetizzjoni, barra dak projbit mill-liġi kif imsemmi fir-regolamenti ġenerali.

3. Il-qies tal-presepju għandu jkun mhux iżjed minn 150ċm faċċata u mhux iżjed minn 100ċm fond.

4. Il-punteġġ mill-Membri tal-Ġurija jingħata fuq dawn il-kriterji:
   a. kif trattat is-suġġett magħżul (Originalita', immaginazzjoni u krejattivita);
   b. l-espressjoni artistika fil-preżentazzjoni tax-xogħol;
   ċ. L-innovazzjoni, l-artistrija u l-irfinar tax-xogħol;
   d it-tqassim, il-proporzjon u l-konsistenza fl-istil tax-xogħol;
   e l-atmosfera maħluqa permezz tad-dwal, tal-mużika u / jew tar-rakkonti li jinstemgħu waqt il-wirja;
   f id-dehra ġenerali.

5. Il-premjijiet għal din il-kompetizzjoni huma: l-ewwel premju: **€170**; it-tieni premju: **€110**; it-tielet premju**: €80**.